MZU3
P.B.145

# MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI ĊENTINARJI TAL-INKURUNAZZJONI TAL-KWADRU TAL-MADONNA TAL-KARMNU, IL-BELT

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

REFERENCE ONLY

F'din l-okkażjoni sabiħa li fiha qegħdin niċċelebraw egħluq il-mitt sena tal-inkoronazzjoni tal-kwadru tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmnu, li jinsab fil-Bażilika tagħha, fil-Belt, inħoss li għandi nagħmel dak li l-maħbub Papa Ġwann Pawlu II għoġbu jagħmel nhar Għid il-Ħamsin, huwa u jfakkar il-15-il mitt sena tal-Konċilju ta' Efesu, Konċilju li fih l-isqfijiet, fost il-ferħ tal-poplu nisrani kollu, xandru li l-Verġni Marija, bir-raġun kollu, għandha tissejjaħ Omm Alla.

Fl-okkażjoni tal-ħmistax-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu, il-Papa ħass li għandu jagħmel att ta' qima u ta' radd il-ħajr lill-Verġni Marija waqt li jafda taħt il-ħarsien tagħha l-Knisja kollha; u f'din l-okkażjoni taċ-ċtntinarju tal-inkonorazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, jiena wkoll, bħalu, inħoss li għandi nistieden lid-devoti kollha tal-Madonna tal-Karmnu u l-Maltin kollha biex f'din l-okkażjoi jagħmlu att ta' qima u ta' radd il-ħajr lill-Madonna waqt li jafdaw taħt il-ħarsien tagħha lilhom infushom, lill-familji tagħhom, l-arċidjoċesi kollha.

### Att ta' qima

Infaħħru, inbierku u nagħtu ġieh lill-Verġni Marija bl-istess innu ta' tifħir li bih hi raddet ħajr lil Alla għax is-Setgħani għamel ħwejjeġ kbar magħha u xerred fuqha l-ħniena tiegħu meta ħares lejn iċ-ċokon tagħha u għażilha biex fi ħdanha l-Verb ta' Alla jsir bniedem: nisslitu fil-ġuf safi tagħha u bla ma ttifset il-glorja ta' xbubitha tat lid-dinja s-Salvatur, Sidna Ġesù Kristu.

Infaħħru u nbierku u nagħtu ġieh lill-Verġni Marija għaliex Alla riedha tkun għalina eżempju mill-isbaħ ta' ħajja moħbija, mehdija fil-kontemplazzjoni tal-misteri qaddisa, u marbuta b'rabta liema bħalha mar-rieda ta' Alla tant li, kif igħidilna Santu Wistin, Marija jekk hi kbira għax nisslet bħala bniedem lill-Iben ta' Alla u tatu ġisem bħal tagħna, hi wisq aktar kbira għaliex nisslitu wkoll spiritwalment, bil-fidi tagħha: Marija emmnet u nisslet bil-fidi lil Kristu, li hu l-Verità: hi għal-

EPISCOPALIS

48993

hekk hienja, għax semgħet il-Kelma ta' Alla, u ħarsitha, qabel ma nisslet fil-ġuf safi tagħha l-Verb ta' Alla.

Infaħħru u nbierku u nagħtu ġieh lill-Verġni Marija għaliex ma ġenb is-Salib hi laqgħet l-aħħar xewqat tal-imħabba ta' Alla għalina u minn dak il-ħin stess bdiet tħarisna, tħares lill-bnedmin kollha, bħala wliedha, imnisslin għall-ħajja tas-sema, bil-mewt ta' Binha l-għażiż.

Infaħħru u nbierku u nagħtu ġieh lill-Verġni Marija, għax waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha u ssieħbet fit-talb ma' l-Appostli u d-dixxipli tal-Mulej kif kienu jinsabu miġburin fiċ-Ċenaklu jistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu qabel jinxterdu mad-dinja jħabbru l-Bxara t-tajba.

Infaħħru u nbierku u nagħtu ġieh lill-Verġni Marija għaliex wara li ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, b'imħabba ta' Omm, baqgħet tieħu ħsiebna, tieħu ħsieb il-Knisja fid-dinja, tħarisna fil-mixi tagħna lejn is-sema u, sakemm jasal Jum il-Mulej fil-glorja kollha tiegħu, tkun għalina, dak li l-Knisja tixtieq u tittama li tkun fil-glorja tas-smewwiet.

**Att ta' radd il-ħajr**

U mat-tifħir u l-ġieh tagħna nżidu wkoll ir-radd il-ħajr tagħna għal kull ma għamlet magħna tul iż-żminijiet kollha. Qatt ma nstema li xi ħadd talab l-għajnuna tal-interċessjoni tal-Verġni Marija, igħidilna San Bernard, u ma ġiex mismugħ. Fiha, fil-Verġni Marija, ittamaw missirijietna u hi ħelsithom, naqraw fil-daħla tal-eqdem santwarju tal-Verġni Marija f'pajjiżna. Il-ġrajja kollha tagħna hi xhieda li l-ħarsien ta' Marija qatt ma naqas lil "din l-art ħelwa li tatna isimha"; il-ġrajjiet ewlenin ta' pajjiżna huma marbutin mal-festi tagħha — u għalhekk inroddulha ħajr.

Inroddulha ħajr għaliex il-fidi nisranija mħawlha f'pajjiżna sa mill-bidu tax-xandir tal-Kelma, minkejja l-irwiefen tal-ħażen u tat-tiġrib li ppruvaw iqaċċtuha, baqgħet dejjem sħiħa, u wara kull tempesta dejjem ħadet ħajja ġdida u qawwa aqwa.

Inroddulha ħajr għall-kotra bla qjies ta' grazzji li tul iż-żminijiet kollha bl-interċessjoni tagħha ssawbu fuq il-familji tagħna, fuq l-ibliet u l-irħula tagħna, fuq pajjiżna kollu.

Inroddulha ħajr għall-kotra kbira ta' wlied din l-art imbierka li laqgħu s-sejħa tal-Mulej u għażlu jgħixu ħajja konsagrata kollha kemm hi lill-Mulej fil-qadi ta' ħuthom il-bnedmin fil-bżonn, u hekk tgħallmu minn Marija l-hena tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-għożża għal dak kollu li jseħħ madwarhom, li fih jaraw is-sinjali taż-żminijiet u l-id ta' Alla li tmexxi kollox bi provvidenza tal-għaġeb.

Inroddulha ħajr għall-imħabba tagħha ta' Omm; għax, bħala Omm l-aktar ħanina hi dejjem magħna, fil-ferħ u n-niket kollu ta' ħajjitna; inroddulha ħajr għaliex nistgħu nsejħulha Ommna, Omm u ġmiel tal-Karmelu, Ġilju tas-safa, Omm wisq għaqlija li tmexxi lilna u l-Knisja kollha mill-widien mudlama ta' din id-dinja għad-dawl tal-għaġeb tas-Saltna ta' Binha l-maħbub.

**Nafdaw ruħna f'idejn Marija**

Imqanqlin minn dawn il-ħsibijiet hekk għolja, inħossu li għandna nitolbuha l-ewwelnett li tgħin il-Knisja f'pajjiżna u fid-dinja kollha biex ma tehda qatt issawwab fuq il-bnedmin kollha l-ġid għażiż tal-fidwa u tal-qdusija għall-ħelsien sħiħ tal-ħolqien kollu; ħalli l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni tasal lill-bnedmin kollha u l-Kelma ta' Alla u l-Ispirtu tal-imħabba jsibu dħul fi qlubhom, u hekk ikunu jistgħu jgħixu l-ħajja fil-milja kollha tagħha.

Nitolbuha tħaddan lilna lkoll kemm aħna b'dik l-imħabba tal-għa-ġeb li l-Feddej sawwab f'qalbha minn fuq is-Salib, biex turina t-triq tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba li twassalna lkoll, 'il bogħod mit-triqat im-wiegħra u mgħawġa ta' din id-dinja, fi ħdan ix-xirka tal-qaddisin f'art il-ħajjin.

Nitolbuha lilha li hi l-ewwel qaddejja tax-xirka fil-ġisem ta' Kristu, biex tgħin lil dawk kollha li jistqarru li Kristu Binha hu Alla u Mulej, jirbħu l-firdiet li tul iż-żminijiet seħħu fosthom minħabba s-suppervja tagħna l-bnedmin, u, mingħajr ma jaqtgħu qalbhom, isibu t-triq li twas-sal għall-għaqda sħiħa tal-Ġisem ta' Kristu. Nitolbuha wkoll tgħinna nir-bħu l-firdiet kollha li hemm fostna, firdiet ukoll bħal dawk li ġarrbet il-Knisja ta' Korintu fi żmien San Pawl, firdiet minħabba l-festi għall-ġieh tagħha u tal-qaddisin, ħa nkunu nistgħu nagħtu xhieda quddiem id-dinja ta' poplu nisrani miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Nitolbuha taqlagħlna, għall-Knisja f'pajjiżna, il-milja tad-doni ġerarkiċi u karismatiċi li teħtieġ biex tkompli l-mixi tagħha ta' tiġdid bla ma tieqaf, tiġdid li hu mfisser mit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, tiġdid li jwassalha biex tikseb dak kollu li hu veru, dak kollu li hu tajjeb, dak kollu li hu ġust, mingħajr ma tiġi mqarrqa minn ebda ideoloġij jew tagħlim fieragħ, imma fl-għarfien tas-sinjali taż-żminijiet twassalna biex inkunu lkoll ħaġa waħda fi Kristu.

Nafdaw ruħna għalhekk f'idejn Marija, aħna u nsellmulha bl-àntifona hekk għażiża għalina l-Maltin:

Fjur tal-Karmnu, dielja bil-frott mimlija
Dija tas-sema, Xebba u Omm Tarbija
wahdek tiftaħar.

Omm l-iżjed ħelwa, ġmielek qatt ma ttabba'
lill-Karmlitani agħtihom rahan ta' mħabba
Kewkba tal-baħar.

Xitla ta' Ġesse, li bl-isbaħ fjur stagħnejt,
ħalli 'l uliedek b'dal-ġmiel li tant ħabbejt,
jitgħaxxqu miegħek.

Ġilju ta' safa, li kiber qalb l-għollieq
żomm qlubna hekk dgħajfa ndaf mit-tajn tat-triq
safja bħal tiegħek

Tarka ta' qawwa għal min jinsab fil-ġlieda
bil-labtu tiegħek f'dit-taqtigħa kiefra
ieqaf int magħna

Omm wisq għaqlija f'dal-lejl ta' dlam mexxina
bid-dawl tas-sema: f'kull għawġ li jqum għalina
kun faraġ tagħna.

Mill-Kurja nhar l-24 ta' Ġunju 1981 Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, il-Prekursur tal-Mulej.

† ĠUŻEPPI
Arċisqof ta' Malta.

Stamperija "IL-HAJJA"